# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Ritienne Gauci)

Vs

Steve Cordina

Ref : 584/23

Illum, 7 ta' Marzu 2023

Il-Qorti

Wara li rat l-imputazzjoniji fil-Konfront ta' Steve Cordina ta' 41 sena mwieled Australia fil-14 /8/1980 u residenti gewwa 98, Triq, Santa Lucija, Sqaq Nru 8, Naxxar ID: 428303(L) talli nhar it-8 ta' April, 2022 ghall-habta ta' bejn 19:00 hrs u 20:00 Hrs waqt li kont gewwa Triq, Kalcidon Agius ma Vjal il-21 ta' Settembru Naxxar.

1. Volontarjament ksirt il-paci pubbliku jew il-bon ordni b'ghajjat u/jew glied;
2. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurjajt jew heddidt lil PC 2094 jew ghamilt offiza fuq l-persuna ta' PC2094, persuna njkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku , waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta ' dak is-servizz.
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi nqast li tobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilek minn PC2094, Ufficjal Pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tieghu jew ma hallejtux jaqdi, jew fixxkilltu jew indahaltlu waqt il-qadi ta' dmirijietu.

Rat x-xhieda kollha;

Rat Li l-imputat ghazel li ma jixhidx;

Rat l-ammissjoni tal- imputat fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru, 2022;

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu ghall-imputazzjonijiet kontesti lilu inkluz li minhabba n-natura tar-reat il-Qorti setghet tghaddi biex issibu hati u tikkundannah ghal piena li tista tkun anke wahda karcerarja jew pieni ohra statutorji . Il-Qorti wara li taghtu zmien bizzejjed sabiex anke jikkonsulta mal-Avukat Difensur u jiddeciedi jekk hux sejjer jerga lura mill-ammissjoni registarta minnu semghet lill-imputat itenni li huwa hati tal-imputazzjoniujet migjuba kontrih.

Rat l-atti kollha u d-dikumenti kollha ezebiti.

Rat l-artikoli 338(dd) , Art 95(1) u Art 338(ee) tal-Kap 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

**Douglas John Falzon** taghha ix-xhieda tieghu fid-19 ta` Ottubru, 2022 fejn taghha l-verzjoni tieghu ta' kif sehh l-incident.

**Paul Gatt** taghha ix-xhieda tieghu fid-19 ta` Ottubru 2022 fejn taghha l-verzjoni tieghu ta' kif sehh l-incident.

**PC 2094 R Bonnici** xehed permezz ta' affidavit.

**Ikkunsidtrat**

Illi l-imputat intavola ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri.

**Decide**

Ghaldaqstant il- Qorti, fuq ammissjoni, wara li rat l-artikoli 338(dd), Art 95(1) u Art 338(ee) tal-Kap 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat komplessivament multa ta' elf u mitejn ewro (1,200).

**Magistarat Dr Yana Micallef Stafrace**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**